MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 531/2011

**Michael Attard Limited**
**C-32362**

**vs**

**Marcellino Cassar (ID-798157M) u**
**Shirin Maria Cassar (ID-12460M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf tmien mija u hamsa u tletin Ewro u sebghin centezmu (€1,835.70c) rapprezentanti import ta' ghaxar kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf tmien mija u hamsa u tletin Ewro u sebghin centezmu (€1,835.70c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------